MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta' Settembru 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Lara Butters)**

**Vs**

**AB**
**Yousif Konate (Numru tal-Pulizija 20A-218)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **AB u Yousif Konate** li ġew mressqa quddiemha akkużati talli fit-22 ta' Settembru, 2020, u jew fil-jiem, ġimgħat, jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi passaport, li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddlin jew li saru xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom liema ammissjonijiet ġew ikkonfermati wara li l-Qorti tathom żmien jirrikonsidraw il-pożizzjoni tagħhom u spjegatilhom il-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qegħdin jinstabu ħatja l-imputati, il-fedina penali tagħhom, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputati ammettew il-ħtija tagħhom.

Il-Qorti qiegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni li l-imputat AB huwa minuri u allura għandu jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena inflitta. Madankollu il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputati għandhom jiġu trattati b'piena ta' priġunerija effettiva stante li dawn ir-reati jaffettaw is-sigurtà tal-Istat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati **AB u Yousif Konate** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom u lil **AB** tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija filwaqt lil **Yousif Konate** tikkundannah għal piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt - Deputat Reġistratur